# Pass pass biex insir Qaddis

sem & u

Marzu 2021
Ħarġa nru 17

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

Kif rajna fil-ħarġa li għaddiet, matul din is-sena qegħdin nesploraw it-tliet passi fil-mixja biex inkunu lkoll qaddisin. Wara li rajna l-pass tal-Ewkaristija, issa jmiss il-pass tal-Iskrittura, biex hekk ikun jifdal biss il-pass tal-karità li jidher fil-ħarġa li jmiss. Meta nħarsu lejn dawn il-passi fil-mixja tal-qdusija niftakru li "biex inkunu qaddisin mhux privileġġ tal-ftit, imma l-vokazzjoni ta' kulħadd" (Papa Franġisku).

## IT-2 PASS: **L-ISKRITTURA**

### X'tgħidilna l-Bibbja?

"Kif jista' żagħżugħ jimxi safi fi triqtu? Billi jħares il-kelma tiegħek." *Salm 119:9*

### Mill-ħajja ta' San Ġorġ Preca

San Ġorġ Preca kellu mħabba speċjali lejn il-Bibbja. Infatti hu xtaq li kulħadd jaqra l-Bibbja u għalhekk kien fost l-ewwel li ta l-Bibbja f'idejn iż-żgħażagħ li kien jgħallem. San Ġorġ kien ta' kuraġġ għal Dun Pietru Pawl Saydon sabiex jagħmel l-ewwel traduzzjoni tal-Bibbja fil-Malti. San Ġorġ Preca kien iħobb jiġbor iż-żgħażagħ sabiex jgħallimhom l-Iskrittura.

- "Żgur li wieħed jista' jaqra l-Iskrittura, anzi għandu jfittex li jaqraha, meta mill-qari tagħha l-bniedem jistagħna bl-għerf ta' Alla."
- "Il-qari tal-Iskrittura jiswa wisq għar-ruħ u wkoll għal din id-dinja."
- "Kunu ħbieb tal-Evanġelju."

### X'nista' nagħmel jiena?

- ☐ Infittex fuq l-internet spjega tal-Vanġelu tal-ġurnata.
- ☐ Naqra xi silta mill-Bibbja u ngħaddi ftit ħin nirrifletti u nitlob permezz tagħha.
- ☐ Nattendi xi grupp ta' katekeżi fuq l-Iskrittura bħall-gruppi tal-Lectio Divina.

## Ma' Marija mit-tbatija għall-glorja

Xbieha li tant hija għażiża għalina fi żmien ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa hija dik tal-Madonna tad-Duluri. Mhux biss għax il-persuna ta' Marija hija għażiża għalina, imma wkoll għax fl-esperjenza ta' tbatija tagħha, in-Nisrani jsib punt ta' identifikazzjoni, kif ukoll faraġ.

Żewġ passaġġi Bibbliċi li jfakkruna fid-duluri ta' Marija huma l-profezija ta' Xmuni waqt il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju (cf. Lq 2:34-35), kif ukoll il-mument li fih Kristu kien imdendel mas-salib u taħtu nsibu lil ommu Marija (cf. Ġw 19:25-27). Xmun iħabbar lil Marija li sejf ta' dulur kien ser jinfdilha qalbha. Dan id-dulur laħaq il-quċċata tiegħu propju meta Marija kienet taħt is-salib tara lil Binha jieħu l-aħħar nifsijiet tiegħu. Bla dubju huma żewġ episodji li jfakkruna fid-duluri li Marija batiet.

Jekk ikollna nanalizzaw dawn it-testi, insibu li jagħtuna ritratt aktar diversifikat ta' Marija. Fil-profezija ta' Xmuni, is-sejf li jitkellem minnu dan ix-xwejjaħ qaddis, apparti li jindika d-duluri li kellha ssofri Marija, huwa simbolu wkoll tal-Kelma ta' Alla li kellha tinfed il-qalb ta' Marija. Fl-Iskrittura, l-*kelma* spiss hija mxebbħa mas-*sejf*: *Għamilli fommi xabla misnuna, taħt id-dell ta' idu ħbieni. Għamel minni vleġġa maħtura, fil-barżakka tiegħu ħbieni* (Is 49:2); *Il-Kelma t'Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb* (Lhud 4:12).

Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni, is-sejf/xabla li nifed lil Marija kien ukoll is-sejf tal-Kelma ta' Alla. Marija ħalliet lilha nfisha titmexxa mill-Kelma ta' Alla. Hija dik li baqgħet tgħożż f'qalbha l-ħwejjeġ li kien qed jgħaddi minnhom Binha (cf. Lq 2:19.51), filwaqt li fl-istess ħin għamlet mixja ta' fidi sakemm waslet biex fehmet għal kollox il-missjoni salvifika ta' Binha. Fuq kollox hija l-omm ta' dak li fommu *xabla misnuna*, ta' dak li huwa l-Kelma ta' Alla nfisha li saret laħam. Dan il-fatt wassal lil Marija biex tingħaqad dejjem iżjed ma' Binha u eventwalment taqsam miegħu t-tbatijiet tal-passjoni.

Fl-episodju l-ieħor ta' Marija taħt is-salib, apparti d-duluri ta' Marija, għandna wkoll is-sens ekkleżjali, fis-sens li malli Kristu indirizza lil Ġwanni bil-kelmiet *Hawn hi ommok*, huwa kien qed jipproklama lil ommu bħala l-omm ta' dawk kollha li jemmnu, fi kliem ieħor bħala omm il-Knisja, fl-ordni tal-eżemplarità, għax fiha nilmħu lil Knisja kif tixtieq tkun u għandha tkun. F'dan is-sens lil Marija nistgħu nsejħulha mudell u xbieha tal-Knisja.



Interessanti li Ġesù jindirizza lil ommu bħala *mara*, terminu li jfakkarna fil-maternità tal-belt ta' Ġerusalemm fil-konfront tal-Lhud u fil-maternità tal-Knisja fil-konfront tal-Insara. Difatti s-Salm 87 jitkellem minn Sijon (Ġerusalemm) bħala omm il-popli: *U għal Sijon jingħad: Lkoll, il-wieħed u l-ieħor, twieldu fiha!* Għalina l-Insara, l-personifikazzjoni ta' Ġerusalemm-omm insibuha wkoll f'Marija. Bħalma fil-qalba ta' Ġerusalemm kien hemm it-tempju fejn jgħammar Alla, hekk ukoll mill-ġewwieni ta' Marija joħroġ it-tempju ħaj li huwa Kristu.

Hekk kif qed ngħixu dawn il-ġranet għeżież tal-passjoni tal-Mulej, niftakru li fix-xbieha tad-Duluri għandna nsibu wkoll ix-xbieha tal-omm tagħna li ħalliet lilha nfisha titmexxa mill-Kelma ta' Alla, sal-punt li qasmet ma' Binha l-istess destin ta' tbatija u glorja. Hija tgħin lilna wkoll sabiex nagħmlu dan il-passaġġ mill-mewt għall-ħajja, billi tinterċedi għalina. Bħalma wara l-Għid ta' Ġesù narawha miġbura flimkien mal-appostli fit-talb fl-istennija tal-Ispirtu s-Santu (cf. Atti 1:14), hekk ukoll hija tidħol għalina. Marija għalhekk hija wkoll il-mara tal-Għid. Bħalma fl-innu li nkantaw fil-velja ta' Sibt il-Għid – l-*Exultet* – il-Knisja tiċċelebra l-passaġġ mill-mewt għall-ħajja, hekk ukoll Marija fil-*Magnificat* tfaħħar lil Alla talli appuntu għadda lill-bniedem mill-mewt għall-ħajja permezz tal-ġrajja ta' Ibnu Ġesù. Ejjew għalhekk inħossuha magħna fil-passaġġ tagħna ma' Ġesù mill-mewt għall-ħajja, mit-tbatija għall-glorja.

**Dun Samuel Grech**
*Viċi Rettur*

Pittura: *Emvin Cremona, Marija b'binha Ġesù mejjet fi ħdanha*, c. 1954-1962, Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

Il-Komunità tas-Seminarju tixtieq tirringrazzja
lill-benefatturi kollha li kontinwament qed isostnu lis-Seminarju tagħna
bit-talb kif ukoll bl-għajnuna materjali.

Il-bord editorjali, il-*formators* tas-Seminarju u s-seminaristi jawguraw
*l-Għid it-Tajjeb*
lill-qarrejja, lill-ħbieb u lill-benefatturi kollha tas-Seminarju.

# Mill-Għatba ’l Ġewwa...

Nhar il-Ħamis 7 ta’ Jannar, l-ewwel Ħamis tax-xahar, il-komunità tas-Seminarju animat quddiesa u mument ta’ adorazzjoni Ewkaristika ġewwa l-Bażilika ta’ San Pietru u San Pawl fin-Nadur.



Id-djaknu Andrew Grima u s-seminarista Gabriel Vella ressqu t-talba tagħhom lil Mons. Isqof għall-ordinazzjoni presbiterali u djakonali rispettivament, nhar it-Tnejn 11 ta’ Jannar.

L-ewwel semestru ġie fi tmiemu nhar is-Sibt 30 ta’ Jannar. Wara l-eżamijiet, is-seminaristi kellhom tlett ijiem ta’ mistrieħ.

Il-Ħadd 24 ta’ Jannar, Jum il-Kelma ta’ Alla, is-seminarista Matthew Bajada ngħata l-ministeru tal-lettorat mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta’ Għawdex, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Ġesù Ewkaristiku Salvatur fl-Għasri.



Nhar il-Ħamis 4 ta’ Frar, l-ewwel Ħamis tax-xahar, il-komunità tas-Seminarju animat quddiesa u mument ta’ adorazzjoni Ewkaristika ġewwa il-Knisja Parrokkjali ta’ Santa Marija fiż-Żebbuġ.

Bejn il-Ġimgħa 12 u s-Sibt 13 ta’ Frar, il-komunità tas-Seminarju kellha *Formation Weekend* li tmexxa minn Fr Bernard Falzon MSSP u Fr Alex Zammit MSSP. It-tema kienet: *L-identità presbiterali bħala proċess ta’ integrazzjoni kontinwa.*



Fis-17 ta’ Frar, nhar l-Erbgħa tal-Irmied beda ż-żmien tar-Randan Imqaddes. Il-lejla ta’ qabel saret it-tħabbira tar-Randan mir-Rettur Kan. Richard Farrugia ġewwa l-kappella tas-Seminarju.

Matul iż-żmien tar-Randan, il-komunità kellha mumenti partikulari ta’ talb, sawm u karità bl-għan li kull seminarista jgħix dan iż-żmien tar-“Rebbiegħa spiritwali tar-ruħ”. Fosthom kien hemm mumenti ta’ adorazzjoni stil Taizé, u inizjattivi ta’ għajnuna lill-persuni fil-bżonn.



Is-seminaristi jirritornaw lura s-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid nhar it-Tnejn 12 t’April.

# Mill-Eku tas-Sena Intermedjarja

## MATTHEW BORG

Sa minn meta bdejt il-formazzjoni tiegħi fis-Seminarju kont nibqa’ affaxxinat bl-esperjenzi tas-seminaristi li kienu għadhom kif temmew is-sena intermedjarja. Iż-żmien wasal biex anki jiena fil-mixja tal-formazzjoni tiegħi ngħix din l-esperjenza. Però din is-sena kellha tkun differenti minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija tal-Covid-19. Għaldaqstant, l-esperjenza tiegħi tas-sena intermedjarja qed nagħmilha ġewwa l-parroċċa ta’ Wied il-Għajn f’Malta.

Din il-parroċċa hija ddedikata lil Sant’Anna. Hija parroċċa attiva ħafna b’popolazzjoni ta’ madwar 15,000 ruħ. Tħaddan ġabra ta’ kulturi differenti minħabba n-numru kbir ta’ residenti barranin li jgħixu ġewwa dan il-lokal. Minbarra l-esperjenza ġewwa l-parroċċa, qiegħed nagħmel ukoll esperjenza ta’ xogħol ġewwa fabbrika.

L-esperjenza prinċipali tiegħi hija maż-żgħażagħ u adolexxenti. Kull ġimgħa jkollna madwar tmenin membru li jattendu fi tliet gruppi differenti. Bħala *Youths Marsaskala* nippruvaw nibnu l-laqgħat u l-attivitajiet tagħna fuq erba’ pilastri: dak li għandu x’jaqsam mal-ħajja personali tal-persuna, dak li għandu x’jaqsam mal-grupp, l-aspett tal-volontarjat, u kif ukoll l-aspett reliġjuż. Barra dan fil-parroċċa għandna l-Kummissjoni Djakonija, li tgħin u issostni lil persuni fil-bżonn. Fil-fatt mill-Kummissjoni Djakonija jitqassmu xirjiet għal persuni fil-bżonn, kif ukoll ikliet bl-għajnuna tal-Caritas. Minbarra dan, nagħti wkoll is-sehem tiegħi f’diversi gruppi oħra tal-parroċċa u fl-attivitajiet li l-parroċċa torganizza.

Ġewwa l-parroċċa ta’ Wied il-Għajn qed nesperjenza wkoll *rectory* li taħdem b’mod effettiv. Fil-fatt jien qed ngħix ġewwa d-dar parrokkjali mal-kappillan u l-viċi. Tassew hija realtà sabiħa li ssib żewġ saċerdoti li mhux bilfors jaqblu f’kollox, però xorta waħda jagħmlu mpenn sabiex jaħdmu flimkien.

Din l-esperjenza qed tlaqqagħni ma’ ħafna realtajiet li bil-mod tagħhom kollha jagħtu kontribut fil-formazzjoni tiegħi. Minn qalbi nixtieq nawguralkom l-isbaħ xewqat għal Għid qaddis, filwaqt li nistedinkom tkomplu titolbu lill-Mulej għalija u għal Franklin li qegħdin nagħmlu l-esperjenza tas-sena intermedjarja, għas-seminaristi u għall-formators, u kif ukoll biex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar żgħażagħ li jweġbuh b’ġenerożità.




## FRANKLIN MICALLEF

Is-sena intermedjarja ħafna drabi nsejħulha s-‘sena barra’ għaliex hija sena li normalment inqattgħuha f’xi pajjiż barra minn Malta. L-iskop ta’ din is-sena huwa li nieqfu waqfa mir-rutina tas-soltu u nagħmlu esperjenzi differenti. Dawn l-esperjenzi iservu bħal lenti li tgħinna naraw aktar bir-reqqa min aħna bħala persuni, fejn hemm bżonn li nikbru u x’qed jgħidilna Alla fil-ħajja tagħna bħala bnedmin li ninsabu f’mixja.

B’differenza mis-snin l-oħra, l-esperjenza tiegħi tas-sena ‘barra’ kienet tfisser li naqbad il-vapur u mmur nagħmel esperjenza differenti f’Malta u mhux f’pajjiż barrani. F’nofs Ottubru bdiet is-sena tiegħi fl-Imsida. Għall-bidu sibtha ħafna faċli li ngħid: “M’hemmx x’tagħmel. Tiegħi ġiet hekk. Tort tal-Covid”. Filli kont qed nippjana li ser insiefer u filli, frott iċ-ċirkustanzi, bqajt Malta. Ma kellix ħafna pjanijiet u kont ħafna inċert, però pass wara pass il-Mulej kien qed iħejjili kollox. Kien hawnhekk li għaraft kemm il-Mulej verament jaħdem f’ħajti.

Ilħaqt applikajt bl-eżatt biex nistudja fl-Università ta’ Malta. Qed nagħmel *Diploma in Design Foundation Studies* li hija l-ewwel sena tal-kors tal-arkitettura. Fl-istess waqt qed ninvolvi ruħi fiċ-*Chaplaincy* tal-Università stess. Hawn ġejt mistieden nissieħeb fi *Christian Life Community (CLC)* fejn sibt grupp ta’ żgħażagħ ta’ mpari li huma wkoll qed ifittxu li jiskopru dejjem aktar min hu Alla u kif jistgħu jweġbu għas-sejħa li Hu qed jagħmlilhom bħala Nsara. Iltqajt ma’ diversi persuni li bl-eżempju tagħhom jgħallmuni ħafna kif ngħix il-fidi b’konvinzjoni u b’ferħ.

Li tibqa’ ‘ġewwa’ ma jfissirx biss li ma ssifirx jew li tiċċaħħad mill-pjanijiet li tkun fassalt. Għalija dan ifisser li fil-fond ta’ qalbi nagħraf kemm Alla jħobbni u nafdah totalment. Biex inkun kuntent m’hemmx għalfejn li kollox imur skont kif nippjana f’moħħi. Jalla l-inċertezzi li naffaċċjaw tul ħajjitna jservuna ta’ prova biex nitgħallmu nafdaw aktar f’Alla. Hekk nagħrfu dejjem aħjar li l-ferħ veru jinsab dejjem ‘ġewwa’ fina, anke waqt pandemija!

